# Lectio Divina

## Il-31 Ħadd
## Sena B

### Mk 12, 28-34

**« Wieħed mill-kittieba semagħhom jitlewmu bejniethom, u meta ra kemm Ġesù kien weġibhom tajjeb, resaq fuqu u staqsieh: 'Liema wieħed fost il-kmandamenti kollha huwa l-ewwel?' » (v.28)**

B'differenza mill-Fariżej u l-Erodjani (12,13-14), mis-Sadduċej (12,18-23) u mill-kittieba l-oħra (3,22; 7,1), dan ir-raġel jersaq lejn Ġesù b'ċerta sinċerità u b'rieda tajba. Kif fis-silta ta' qabel Ġesù kien ta tweġiba għall-kontroversja dwar il-qawmien mill-imwiet (ara 12,24-27), dan ir-raġel xtaq jiċċara punt li fl-ambjent tal-kittieba kien spiss jiġi diskuss: liema huwa l-kmandament l-iżjed importanti jew li jiġi l-ewwel – Skont l-aħħar tradizzjoni rabbinika t-Torah kien fih 613 kmandament (248 minnhom f'forma pożittiva u 365 f'forma negattiva).

**Sema'... resaq.... staqsa**: Dawn il-verbi juru l-ewwel passi fl-istil tad-dixxiplu.

**« Ġesù wieġbu: 'L-ewwel wieħed huwa dan: Isma' Iżrael; il-Mulej, Alla tagħna, Mulej wieħed hu, u int għandek tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, b'moħħok kollu, u bil-qawwa tiegħek kollha.' » (v.29-30)**

Ġesù jibda billi jikkwota l-istqarrija tal-Fidi msejħa ix-***Shemà*** (Imperattiv singular bil-Lhudi li jfisser **'Isma'**) : Ġesù qed jirrepeti dik l-ewwel silta mill-Iskrittura li kull tifel Iżraelita kien jitgħallem bl-amment. B'fedeltà għal Dt 6,7-8, il-Lhudi devot kien jirreċita ix-***Shemà*** tal-inqas kull filgħodu u filgħaxija ; fid-djar Lhud kien hemm il-***meżeżah***, kaxxa ċkejkna li kellha fiha il-kitba tax-***Shemà*** u li kienet titwaħħal mal-ħoġor tal-bieb… (ara Dt 6,4-9 ; 11,13-21 ; Num 15,37-41).

**"u int"**: Hija tweġiba personali.

**"Alla tagħna, Mulej wieħed hu… u int għandek tħobb":** Huwa Alla s-Sid taż-żmien u tal-istorja, il-ħallieq ta' kollox u li kollox jinsab taħt il-providenza tiegħu : «U hawn qiegħda l-imħabba ; mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna » (1 Ġw 4,10-11). Dan iwassal biex wieħed jibda jfittex li jgħoġbu f'kollox. Hawnhekk Ġesù ried ifisser biċ-ċar dak li kien qal qabel : « Agħti lil Alla dak li hu t'Alla » (12,17).

*(Fit-Testment il-Ġdid, b'mod sorprendenti, ftit huma r-referenzi għall-imħabba t'Alla (ara Lq 11,42; Rom 8,28; 1 Kor 2,9; 8,3; 16,22; Ef 6,24; 1 Ġw 4,20-21), b'differenza għal li temmen, tagħraf u tobdi lil Alla.)*

Ġesù juża erba' termini li, meħudin flimkien, jirreferu għall-persuna sħiħa :

**Il-Qalb** (***kardia***): hija ċ-ċentru tal-għażliet kollha tal-bniedem, il-post minn fejn joħorġu d-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet (ara 7,19).

**Ir-Ruħ** (***psychē***): tirreferi għall-bniedem sħiħ bħala ħlejqa ħajja.

**Il-Moħħ** (***dianoia***): kelma miżjuda minn Ġesù biex jagħmel enfasi li anke l-ħsibijiet u r-raġunamenti jridu jkunu mbuttati mill-imħabba għal Alla.

**Il-Qawwa**: l-imħabba għal Ala mhijiex sentiment ta' mument, imma hija deċiżjoni li titlob kull sforz possibbli li wieħed jista' jagħmel.

**"kollha… kollha… kollu….kollha"**: juru esklussività u totalità, bil-kapaċitajiet kollha tal-umanità. Alla jistħoqqlu dik l-imħabba totali u gratuwita. Però, imħabba bla limitu tibqa' possibbli biss jekk wieħed jagħraf u jilqa' l-esperjenza tal-imħabba totali u esklussiva t'Alla fil-ħajja tiegħu (ara Rum 5,5; 1 Ġw 4,11).

Ir-relazzjoni m'Alla hi mqiegħda f'mixja: mis-smigħ ('Isma Iżrael') għall-għarfien ('Il-Mulej wieħed hu), u mill-għarfien għall-għejxien tal-imħabba ('Ħobb lill-Mulej').

**« U t-tieni hu dan: Ħobb lil għajrek bħalek innifsek. Ma hemmx kmandament ieħor akbar minn dawn. » (v.31)**

Ġesù jikkwota l-Lev 19,18b fejn hemm definizzjoni limitata ta' min hu għajrek: dak li jiġi minnek jew li jagħmel parti mill-poplu t'Alla. Fil-parabbola tas-Samaritan it-Tajjeb (ara Lq 10,29-37) Ġesù jwessa' din id-dimensjoni għall-imħabba lejn l-istess għadu tiegħek.

**"akbar minn dawn"** : Filwaqt li jiddistingwi bħala tal-'ewwel' (Dt 6,5) u tat-'tieni' (Lev 19,18b) b'mod espliċitu jgħaqqad flimkien dawn iż-żewġ kmandamenti b'mod inseparabbli: l-imħabba tagħna lejn Alla hija espressa u konkretizzata fl-imħabba lejn l-oħrajn (ara 1 Ġw 4,11. 20-21) – Ma' kull tweġiba għal 'tħobbni int' hemm marbuta magħha l-merħla li d-dixxiplu jrid daqstant iħobb (ara Ġw 21,15-17).

Dak tal-'ewwel' u dak tat-'tieni' huma l-fundament tal-ewwel tlieta u l-aħħar seba' kmandamenti tad-Dekalogu rispettivament (ara Eż 20,2-11.12-17). Li qed jgħid Ġesù huwa l-punt ċentrali minn fejn kull kmandament irid jinftihem u jiġi mgħix. Hu l-kmandament li jissimplifika u jiffaċilita l-osservanza ta' kull kmandament. Hawn Ġesù qed imur fuq l-għerq tal-kmandamenti u fl-istess waqt qed jagħti għajnuna u gwida ta' kif wieħed jagħmel ir-Rieda t'Alla.

Minn ħarsa fin-negattiv: 'ma jkollokx', 'la toqtolx, tisraqx, tiżnix....' Ġesù dawwarhom f'attitudni personali u pożittiva lejn Alla u lejn il-bniedem. Hija l-libertà li Pawlu jitkellem dwarha (ara Gal 5,1). Hija l-attitudni patristika: "Ħobb u agħmel li trid".

L-imħabba lejn Alla tibqa', fuq kollox, 'l-ewwel' fis-sens kwalitattiv u anke fis-sens kronoloġiku. Madanakollu tibqa' dejjem inseparabbli minn dik tat-'tieni' (ara 1 Ġw 4,20-21).

**« Qallu l-kittieb: "Sewwa qiegħed tgħid, Mgħallem; għandek raġun tgħid li wieħed hemm, u li ma hemmx ieħor ħliefu. Iva, li tħobb lilu b'qalbek kollha, b'moħħok kollu, u bil-qawwa tiegħek kollha, u tħobb lil għajrek bħalek innifsek, huwa aqwa minn kull sagrifiċċju tal-ħruq u mis-sagrifiċċji kollha." » (v.32-33)**

Il-kittieb qiegħed jiżen it-tweġiba ta' Ġesù u jiġborha fi ftit kliem.

**"huwa aqwa minn kull sagrifiċċju tal-ħruq u mis-sagrifiċċji kollha" :** F'kuntest fejn il-Liġi, it-Tempju u l-Elezzjoni ta' Iżrael kienu t-tliet pilastru tar-reliġjon Lhudija (kif jidher mir-reazzjoni tal-Lhud għat-tagħlim Nisrani - ara Atti 21,28), il-kittieb ikompli

jafferma li l-imħabba tissupera l-istess sagrifiċċji u atti tal-kult : « Jaqaw il-Mulej jogħġbuh il-vittmi tal-ħruq u s-sagrifiċċji aktar is-smigħ tal-kelma tal-Mulej ? Ara l-ubbidjenza hi aqwa mis-sagrifiċċji » (1 Sam 15,22 ; ara Hos 6,6 ; Prov 21,3) ; « Kull min iħobb ikun iħares il-bqija tal-Liġi. Għax il-kmandamenti: "La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib," u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: «Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek. L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-Liġi.» (Rum 13, 8-10; ara wkoll Gal 5,14; Ġak 2,8).

**« Ġesù, meta rah kemm kien wieġeb bil-għaqal, qallu: "M'intix 'il bogħod mis-Saltna ta' Alla." U ħadd ma kellu l-ħila jistaqsih iżjed. » (v.34)**

Ġesù jfaħħru. Hija l-attitudni tiegħu quddiem il-kelma ta' Ġesù li wasslet lil dan il-kittieb ikun iġġudikat : «Il-kelma li jiena għedt; tkun hi li tagħmel ħaqq minnu » (Ġw 12,48) ; « Meta semgħu dan, il-poplu kollu sa l-istess pubblikani għarfu l-ġustizzja t'Alla, billi tgħammdu … Imma l-Fariżej u l-għorrief tal-Liġi ġiebu fix-xejn il-pjan li Alla kien fassal għalihom, ladarba ma laqgħux il-magħmudija ta' Ġwanni » (Lq12,29-30).

**"M'intix 'il bogħod":** Il-liġi weħidha ma twassalx għall-qalba tal-Vanġelu. Id-dixxiplu, meta jħobb lil għajru bħalu nnifsu, ikun għadu mal-Liġi. Li tħobb lil għajrek bħalek innifsek ifisser li l-miżura tal-imħabba hija 'int', li int tixtieq it-tajjeb fl-ieħor daqskemm tixtiequ għalik innifsek. Ġesù jitlob xi ħaġa iżjed minn hekk: li l-imħabba trid tkun fuq il-mudell "kif ħabbejtkom jien" (Ġw 13,34; ara Ġw 15,13).